**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 1 ta' Gunju ta' 2022**

Numru 6

**Appell Nru. 52/2021**

**Filomena Sammut**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Filomena Sammut tas-27 ta' Dicembru 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 ta' Dicembru 2021 fejn cahdet it-talba tal-appellanti li l-avviz ta' enforzar 7/15 ma kienx ezekwibbli;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi jirrizulta bic-car mill-Atti illi l-imsemmi zvilupp sar bla permess u ghaldaqstant l-avviz jimmeritah konferma fattwallment.

Dwar l-artikolu msemmi mill-appellanti ossia artikolu 91, dan jghid:
91. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, kull persuna li tigi notifikata b'avviz ta' twettiq fir-rigward ta' zvilupp indikat fit-Tmien Skeda, ghandu jkollha d-dritt li ssostni li dak l-avviz ma jkunx esegwibbli. Dik il-persuna ghandha ggib prova ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita f'dak is-sens, inkluza kull prova dokumentarja relevanti u dawk il-provi l-ohra li l-Awtorita tqis mehtiega u dan skont u suggett ghall-proceduri illi jigu stabbiliti mill-Awtorita ghal dan il-ghan.

Illi rrizulta mill-atti illi salv ir-ritratti mill-ajru esebiti mill-appellanti stess ma ngiebet ebda prova xort'ohra biex issostni li l-avviz ma kienx esegwibbli. Dawn ir-ritratti huma effetivament konferma li l-izvliupp in mertu sar bla permess meta kien jenhtieg permess u ghaldaqstant ma japplikawx id-dettami tal-artikolu 91.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Appell huwa michud

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal inkorra zball ta' ligi meta qies hazin it-talba tal-appellanti li kienet li l-avviz ta' twettiq ma kienx ezegwibbli skont l-artikolu 91 tal-Kap. 504. It-Tribunal ikkonkluda li l-izvilupp kien jehtieg permess u ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 91 tal-Kap. 504. L-appellant qatt ma ikkontesta l-illegalita izda biss l-ezegwibilita tal-avviz;
2. Id-decizjoni ma fiha ebda motivazzjoni u t-Tribunal naqas milli jqis il-provi li resqet l-appellanti.

## L-ewwel aggravju

L-appellanti ghandha ragun f'dan l-appell. It-Tribunal fehem hazin il-mertu tal-kontestazzjoni li saret mill-appellanti ghal avviz ta' twettiq. L-appellanti sostniet li l-illegalita semmai sehhet qabel l-1993 u ghalhekk japplika l-artikolu 91 tal-Kap. 504 fejn ebda enforzar ma jista' jsir ghal illegalitajiet li sehhew qabel ll-1993. It-Tribunal invece ippremetta li l-izvilupp sar bla permess u l-avviz kien gie konfermat fattwalment u ma japplikawx id-dettami tal-artikolu 91. It-Tribunal ikkonfonda z-zewg ipotesi ta' nuqqas ta' permess ma' nuqqas ta' ezegwibilita kontra zvilupp illegali ai termini tal-artikolu 91 tal-Kap. 504.

Ghalhekk l-appell jisthoqqlu jigi milqugh u ma hemmx lok li wiehed iqis it-tieni aggravju.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' Filomena Sammut, thassar id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 ta' Dicembru 2021, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jikkunsidra l-appell fl-isfond ta' din is-sentenza. Spejjez ghall-Awtorita.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur